**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

RoseAnn Falzon

Vs

Pitre' Home Ltd

CCT 8/22/MM

Illum, 6 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-18 ta' Jannar 2022 fejn talbet is-somma ta' disgħa mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€ 957), prezz ta' biċċa għamara mixtrija mingħand is-soċjeta' intimata fejn allegatament kellha difett fil-mera billi kienet miksura.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata pprezentata fil-15 ta' Marzu 2022, fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi l-pern tat-talba tar-rikorrenti tirrigwarda l-fatt li l-għamara minnha mixtrija konsegwentement irriżultalha li kellha difetti u ċioe kien hemm xi ksur fil-mera.

Illi r-rikorrenti ssostni li hi bl-ebda mod ma kkawżat dawn il-ħsarat iżda kienu hemm mill-mument li lilha ġiet ikkonsenjata l-għamara.

Min-naħa l-oħra l-intimata tramite rappreżentanti tagħha ssostni li l-impjegati tagħha mhux biss ikkonsenjaw l-għamara iżda fetħuha mill-kaxxa fil-preżenza tar-rikorrenti u wara li din kienet sodisfatta huma komplew b'xogħlhom. Sa dak il-ħin ir-rikorrenti ma lmentat bl-ebda mod magħhom fejn jirrigwarda l-allegat ħsarat.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma jistax ma jilqgħax bis-sħiħ l-argument miġjub mis-soċjeta' intimata fl-intier tiegħu u għalhekk kull riskju jgħaddi mill-kunsinnatarju għax-xerrej li jaċċetta u dan wara li hi mhux aċċettat l-għamara, mhux biss wara li ħallset il-prezz fit-totalita' tiegħu iżda wkoll fil-preżenza tar-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata r-rikorrenti kellha kull opportunita' li taċċerta ruħha li l-prodott kien a sodisfazzjoni tagħha.

Illi r-rikorrenti mhux ġustifikata li kienet wara trepass ta' mill-inqas erbat ijiem li lmentat li l-prodott kellu l-mirja mkissrin għaliex f'dak l-istadju l-intimata ma kellha l-ebda kontroll fuq x'setgħa ġara tul dak it-trepass ta' żmien.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati, billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru